QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO BA. LL.D.

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 663/00**

**Maltacom p.l.c**

**Vs**

**Mario u Rita konjugi Sciberras**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm561.21) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 658342 (skond kif jirrizulta mill-annes `statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 47, Triq San Mikiel, Birzebbuga u dana skond ma kif jidher mill-anness `service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument esebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew:

1. Illi mhuwiex minnu illi l-ecipjenti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija wiehed u sittin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm561.21) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 658342.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.